7 ta' Mejju, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Carmelo Micallef *versus* Brig. John Belle Mc Cance ne.

**Preskrizzjoni — Rinunzja — Sentenza — Nullità — Appell — Art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.*

*Jekk dan il-preċett tal-liġi ma jiġix osservat, u l-kawża tiġi appellata, l-uniku rimedju huwa li dik is-sentenza appellata tiġi annullata, u l-atti jiġu rinviati lill-Ewwel Qorti.*

*Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni għandha tiġi provata b'mod ċar u konkludenti; u ma tistax tiġi ammessa meta hija bażata fuq atti u fatti li ma humiex univoċi u jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjonijiet diversi.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li bih l-attur, wara li ppremetta illi bix-xogħlijiet li saru fit-triq li tgħaddi minn

Selmun għal Campbell Fortress id-direzzjoni u t-tqassim ta' l-ilma ġie alterat b'manjera tali illi, fil-każ ta' xita qawwija, ir-raba' tiegħu l-Mistra (Government Plots 2 and 3), ġie espost għall-inondazzjoni u għad-danni gravi li jkunu kaġunati mill-inondazzjoni; u illi fl-20 ta' Novembru 1945 ir-raba' tiegħu ġie inondat u sofra danni *konsiderevoli*; u illi fit-30 ta' Awissu 1946 (dok. F) huwa ġie avżat illi sejrin isiru x-xogħlijiet biex jitneħħa l-perikolu, u mbagħad, wara ħafna tergiversazzjonijiet, waslu, bejn Ottubru u Novembru 1947, għal ftehim mal-perit imqabbad minnu rigward ix-xogħlijiet li kellhom isiru, imma sussegwentement il-konvenut naqas milli jżomm il-ftehim u ried jiċħad *kwalunkwe responsabilità; talab li* (1) jiġi dikjarat u deċiż illi bix-xogħlijiet imsemmija l-konvenut ippreġudika l-proprjetà tiegħu illi tinsab esposta għall-perikolu ta' l-inondazzjoni; (2) li l-konvenut jiġi kundannat li jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji biex dan il-perikolu u preġudizzju jitneħħa; (3) li l-konvenut jiġi dikjarat responsabili tad-danni sofferti minnu fl-inondazzjoni ta' Novembru 1945, u kundannat iħallas is-somma illi tiġi likwidata minn dina l-Qorti bħala riżarċiment tad-danni. Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-30 ta' Novembru 1950, li biha l-konvenut nomine ġie dikjarat responsabili għad-danni sofferti mill-attur fl-okkażjoni tax-xita fuq imsemmija ta' l-20 ta' Novembru 1945, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine; u ġie ordnat lill-perit biex jgħaddi għall-eżekuzzjoni ta' l-inkariki l-oħra li ġew lilu affidati; wara li kkunsidrat, fuq il-kwistjoni tar-responsabilità tal-konvenut *nomine*;

*Omissis:*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi jiġu riġettati t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu:

*Omissis:*

Ikkunsidrat:

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni jinsabu dedotti tliet talbiet, jiġifieri:— (a) Li jiġi dikjarat u deċiż................;

L-appellant, sew fil-petizzjoni kemm fit-trattazzjoni, qiegħed jinsisti għall-annullament ta' l-imsemmija sentenza, billi huwa kontra t-talba maqtugħa oppona l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata mill-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili, mingħajr ma ġiet ikkunsidrata u deċiża b'kap separat kif trid il-liġi;

Ikkunsidrat,

Illi skond il-liġi (art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu; u jekk din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tiġix osservata, l-uniku rimedju huwa dak li s-sentenza appellata tiġi annullata minħabba difett ta' forma, u l-atti jiġu mill-ġdid mibgħutin lill-Ewwel Qorti (Appell 12 ta' Diċembru 1931, in re "Cassar vs Cachia", Kollez. Vol. XXVII—I—663);

Ikkunsidrat;

Illi l-attur appellat jippretendi li l-appellant irrinunzja implicitament għall-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, b'li fis-seduta miżmuma mill-perit ġudizzjarju fl-4 ta' Mejju 1948 sar ftehim li l-perit kellu jirrelata dwar il-kwistjoni jekk l-istess konvenut kienx responsabili għad-danni li l-attur jippretendi li sofra. Dak il-pretensjoni, però, ma hix aċċettabili; mhux biss għaliex skond il-liġi tagħna l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhix inkompatibili ma' dik ta' l-ineżistenza tad-debitu (Appell 1 ta' Ġunju 1931 in re "Zahra vs. Żahra", 5 ta' Frar 1932 in re "Wismayer vs. Naudi", 23 ta' Mejju 1932 in re "Borg vs. Saliba", u 26 ta' Jannar 1937 in re "Bugeja vs. Vella"), imma anki għaliex ir-rinunzja għal drittijiet għandha tiġi pruvata b'mod ċar u konkludenti (Appell 11 ta' Ottubru 1940 in re "Cartana vs. Sant Cassia", Kollez. Vol. XXX, parte I, pag. 542), u ma tistax tiġi ammessa meta hija bażata fuq atti u fatti li ma humiex univoċi u jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjonijiet diversi (Appell 18 ta' Ġunju 1934 in re "Dr. Sapiano vs. Zammit");

Ikkunsidrat;

Illi billi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx maqtugħa kif titlob il-liġi fl-imsemmi art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-analoga preġudizzjali opposta mill-konvenut appellant tidher fondata;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-insemmija preġudizzjali, u tiddikjara nulla s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-30 ta' Novembru 1950; u tordna li l-atti jiġu rinvijati lil dik l-istess Qorti;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni fil-meritu.